# LILL-POETA ĠORĠ PISANI

*Ta'* Tarcisio L. Xerri

*B'turija ta' ġieħ*
*għall-ħatra tiegħu bħala Publicity Officer.*

Tħallix, ħabib, li l-ġieħ li ksibt dan l-aħħar
Inaffrek minn ta' l-Għana t-Tfajla għaslija,
Li l-ħlewwa tagħha tajtna b'id qawwija ,
U kull min daqha thenna, u ħilek faħħar.

Fi vrusek dejjem sibt tagħlim li jsaħħar,
Li jpaxxi 'l-qalb għajjiena, u mifnija
Mill-mewġ qalil imsawwar mill-ħżunija,
Li ta' kull ħin, bla heda jkolliha tbaħħar.

Minn qalbi nagħtik qima, kbir poeta,
Għaliex fi vrusek nagħraf minnufih
Li inti tiġi tewmi ma' kometa.

Kompli dewwaqna, Ġorġ, ta' lsienna l-benna,
Għax donnok ġejt maħluq apposta għalih,
U jiena fih insib ħlewwiet il-Ġenna.